DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/904

tat-3 ta' Ġunju 2021

li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK

dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo * (EULEX KOSOVO)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK ([1]).

(2) Fil-11 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/792 ([2]), li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK u li testendi l-Missjoni sal-14 ta' Ġunju 2021.

(3) Fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku ta' EULEX KOSOVO, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li jenħtieġ li l-Missjoni tiġi estiża sal-14 ta' Ġunju 2023 u li l-kompitu li jiġi pprovdut appoġġ operazzjonali għad-djalogu ffaċilitat mill-UE jenħtieġ li jiġi ttrasferit lill-Uffiċċju tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo sal-31 ta' Diċembru 2022.

(4) Jenħtieġ li xejn minn din id-Deċiżjoni ma jiġi interpretat b'mod li jippreġudika l-indipendenza u l-awtonomija tal-imħallfin u l-prosekuturi attivi fi proċedimenti ġudizzjarji fil-kuntest ta' EULEX KOSOVO.

(5) Minħabba n-natura speċjali tal-attivitajiet ta' EULEX KOSOVO b'appoġġ għall-proċedimenti ġudizzjarji rilokati fi Stat Membru, huwa xieraq li f'din id-Deċiżjoni jkun identifikat l-ammont previst biex ikopri l-appoġġ għal dawk il-proċedimenti ġudizzjarji rilokati fi Stat Membru u biex jipprevedi l-implimentazzjoni ta' dik il-parti mill-baġit permezz ta' għotja.

(6) Jenħtieġ li l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK tiġi emendata skont dan.

(7) EULEX KOSOVO ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Il-kompitu li jiġi pprovdut appoġġ operazzjonali għad-Djalogu ffaċilitat mill-UE għandu jiġi ttrasferit lill-Uffiċċju tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo sal-31 ta' Diċembru 2022.";

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

([1]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo EULEX KOSOVO (ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/792 tal-11 ta' Ġunju 2020 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) (ĠU L 193, 17.6.2020, p. 9).

(2) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej::

(a) fil-paragrafu 1, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa ta' EULEX KOSOVO mill-15 ta' Ġunju 2021 sal-14 ta' Ġunju 2023 għandu jkun ta' EUR 173 693 683. Minn dak l-ammont, l-ammont maħsub biex ikopri n-nefqa ta' EULEX KOSOVO għall-implimentazzjoni tal-mandat tagħha fil-Kosovo għandu jkun ta' EUR 57 900 000 u l-ammont maħsub biex ikopri l-appoġġ għall-proċedimenti ġudizzjarji rilokati fi Stat Membru għandu jkun ta' EUR 115 793 683.

Il-Kummissjoni għandha tiffirma ftehim ta' għotja ma' reġistratur li jaġixxi f'isem reġistru inkarigat mill-amministrazzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji rilokati għall-ammont ta' EUR 115 793 683. Ir-regoli dwar l-għotjiet previsti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għandhom japplikaw għall-ftehim ta' għotja.

L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu sussegwenti għal EULEX KOSOVO għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.

(*) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għajr l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 relatati mal-appoġġ għall-proċedimenti ġudizzjarji rilokati fi Stat Membru, EULEX KOSOVO għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni finanzjarja tal-baġit tal-Missjoni. Għal dan il-għan, EULEX KOSOVO għandha tiffirma ftehim mal-Kummissjoni.";

(3) fl-Artikolu 20, it-tieni paragrafu, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għandha tiskadi fl-14 ta' Ġunju 2023.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-3 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
P. N. SANTOS